# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni fil-qosor kkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2008 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar l-għajnuna mill-Istat għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 47/03)

**Għajnuna Nru:** XF 18/10

**Stat Membru:** L-Irlanda

**Reġjun/Awtorità li jagħti/tagħti l-għajnuna:** An Bord Iascaigh Mhara

**Titlu tal-iskema tal-għajnuna/Isem il-kumpanija li tirċievi l-għajnuna *ad hoc*:** Aquaculture Innovation and Technology Scheme

**Bażi legali:** Sea Fisheries Act 1952 (No 7 of 1952)

**Nefqa annwali ppjanata skont l-iskema jew ammont ta' għajnuna *ad hoc* mogħtija lill-kumpanija:** EUR 700 000,00 fis-sena għall-perjodu bejn l-2010 u l-2014

**Intensità massima tal-għajnuna:** 40 % tan-nefqa eliġibbli għal proġetti ta' investiment promossi mis-settur privat

**Data tad-dħul fis-seħħ:** It-23 ta' Lulju 2010

**Tul ta' żmien tal-iskema (mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2014); indika:**

— taħt l-iskema: l-għajnuna se tingħata: sat-30 ta' Ġunju 2014

— fil-każ ta' xi għajnuna *ad hoc*: id-data mistennija ta' meta jrid jitħallas l-aħħar pagament: Mhux applikabbli

**Għan tal-għajnuna:** L-għanijiet tal-Iskema ta' Innovazzjoni u Teknoloġija tal-Akkwakultura (Aquaculture Innovation and Technology Scheme) huma mmirati biex jippromwovu l-investiment f'teknoloġija innovattiva u biex jipprovaw din it-teknoloġija f'kundizzjonijiet kummerċjali biex itejbu l-prestazzjoni u l-kompetittività, jistabbilixxu l-fattibilità teknika u ekonomika tal-ispeċijiet u s-siti l-ġodda, jassistu miżuri biex itejbu s-sotenibbilità ambjentali fit-tul, jinvestu f'miżuri biex itejbu s-saħħa u l-benessri tal-ħut u l-kwalità tal-prodott, jiżviluppaw titjib f'saħħa u sikurezza okkupazzjonali fl-akkwakultura, jsaħħu l-ħiliet u l-bażi ta' għarfien tal-industrija u jintegraw u jarmonizzaw l-akkwakultura f'komunitajiet kostali u f'żoni rurali

**Indika liema mill-Artikoli 8 sa 24 jintuża:** l-Artikoli 11 u 21.

**Attività kkonċernata:** L-investiment f'teknoloġija innovattiva u fil-prova ta' din it-teknoloġija f'kundizzjonijiet kummerċjali biex itejbu l-prestazzjoni u l-kompetittività, jistabbilixxu l-fattibilità teknika u ekonomika tal-ispeċijiet u s-siti l-ġodda, jassistu miżuri biex itejbu s-sotenibbilità ambjentali fit-tul, jinvestu f'miżuri biex itejbu s-saħħa u l-benessri tal-ħut u l-kwalità tal-prodott, jiżviluppaw titjib f'saħħa u sikurezza okkupazzjonali fl-akkwakultura, jsaħħu l-ħiliet u l-bażi ta' għarfien tal-industrija u jintegraw u jarmonizzaw l-akkwakultura f'komunitajiet kostali u f'żoni rurali

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

An Bord Iascaigh Mhara
PO Box 12
Crofton Road
Dún Laoghaire
Co. Dublin
IRELAND

**Indirizz elettroniku fejn jista' jinstab it-test kollu tal-iskema jew il-kriterji u l-kundizzjonijiet li bihom tingħata l-għajnuna *ad hoc* barra xi skema ta' għajnuna:**

http://www.bim.ie

**Ġustifikazzjoni: indika għaliex ġiet stabbilita skema ta' għajnuna mill-Istat minflok assistenza taħt il-Fond Ewropew għas-Sajd:** Il-prijorità tal-fondi allokati għall-Irlanda mill-Fond Ewropew għas-Sajd ingħatat għall-irtirar mis-servizz tal-flotta tas-sajd. L-iżvilupp tal-akkwakultura se jiġi ffinanzjat mill-Gvern Irlandiż mill-allokazzjonijiet annwali tat-Teżor fil-vot ta' An Bord Iascaigh Mhara, inkluż fil-vot tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, is-Sajd u l-Ikel.

---

**Għajnuna Nru:** XF 23/10

**Stat Membru:** L-Irlanda

**Reġjun/Awtorità li jagħti/tagħti l-għajnuna:** An Bord Iascaigh Mhara

**Titlu tal-iskema ta' għajnuna/Isem il-kumpanija li tirċievi l-għajnuna *ad hoc*:** Aquaculture Innovation and Technology Scheme

**Bażi legali:** Sea Fisheries Act 1952 (No 7 of 1952)

**Nefqa annwali ppjanata skont l-iskema jew ammont ta' għajnuna *ad hoc* mogħtija lill-kumpanija:** EUR 700 000,00 fis-sena għall-perjodu mill-2010 sal-2014

**Intensità massima tal-għajnuna:** 40 % tan-nefqa eliġibbli għal proġetti ta' investiment promossi mis-settur privat

**Data tad-dħul fis-seħħ:** It-23 ta' Lulju 2010

**Tul ta' żmien tal-iskema (mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2014); indika:**

— taħt l-iskema: l-għajnuna se tingħata: sat-30 ta' Ġunju 2014

— fil-każ ta' xi għajnuna *ad hoc*: id-data mistennija ta' meta jrid jitħallas l-aħħar pagament: Mhux applikabbli

**Għan tal-għajnuna:** L-għanijiet tal-Iskema ta' Innovazzjoni u Teknoloġija tal-Akkwakultura (Aquaculture Innovation and Technology Scheme) huma mmirati biex jippromwovu l-investiment f'teknoloġija innovattiva u jipprovaw din it-teknoloġija skont kundizzjonijiet kummerċjali biex itejbu l-prestazzjoni u l-kompetittività, jistabbilixxu l-fattibilità teknika u ekonomika tal-ispeċi u s-siti l-ġodda, jassistu miżuri biex itejbu s-sostenibbiltà ambjentali fit-tul, jinvestu f'miżuri biex itejbu s-saħħa u l-benessri tal-ħut u l-kwalità tal-prodott, jiżviluppaw titjib fis-saħħa u sikurezza okkupazzjonali fl-akkwakultura, jsaħħu l-ħiliet u l-bażi ta' għarfien tal-industrija u jintegraw u jarmonizzaw l-akkwakultura f'komunitajiet kostali u f'żoni rurali.

**Indika liema mill-Artikoli 8 sa 24 jintuża:** l-Artikoli 11 u 21.

**Attività kkonċernata:** L-investiment fit-teknoloġija innovattiva u tipprova din it-teknoloġija skont kundizzjonijiet kummerċjali biex itejbu l-prestazzjoni u l-kompetittività, jistabilixxu l-fattibiltà teknika u ekonomika tal-ispeċi u s-siti l-ġodda, jassistu miżuri biex itejbu s-sotenibbiltà ambjentali fit-tul, jinvestu f'miżuri biex itejbu s-saħħa u l-benessri tal-ħut u l-kwalità tal-prodott, jiżviluppaw titjib fis-saħħa u sikurezza okkupazzjonali fl-akkwakultura, jsaħħu l-ħilijiet u l-bażi ta' għarfien tal-industrija u jintegraw u jarmonizzaw l-akkwakultura f'komunitajiet kostali u f'żoni rurali.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

An Bord Iascaigh Mhara
PO Box 12
Crofton Road
Dún Laoghaire
Co. Dublin
IRELAND

**Indirizz elettroniku fejn jista' jinstab it-test kollu tal-iskema jew il-kriterji u l-kundizzjonijiet li bihom tingħata l-għajnuna *ad hoc* barra xi skema ta' għajnuna:**

http://www.bim.ie

**Motivazzjoni: indika għaliex ġiet stabbilita skema ta' għajnuna mill-Istat minflok assistenza taħt il-Fond Ewropew għas-Sajd:** Il-prijorità tal-fondi allokati għall-Irlanda mill-Fond Ewropew għas-Sajd ingħatat għall-irtirar mis-servizz tal-flotta tas-sajd. L-iżvilupp tal-akkwakultura se jiġi ffinanzjat mill-Gvern Irlandiż mill-allokazzjonijiet annwali fil-vot tat-Teżor ta' An Bord Iascaigh Mhara, inkluż fil-vot tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, is-Sajd u l-Ikel.

---

**Għajnuna Nru:** XF 36/10

**Stat Membru:** L-Irlanda

**Reġjun/Awtorità li jagħti/tagħti l-għajnuna:** An Bord Iascaigh Mhara

**Titlu tal-iskema ta' għajnuna/Isem il-kumpanija li tirċievi l-għajnuna *ad hoc*:** Seafood Graduate Development Scheme

**Bażi legali:** Sea Fisheries Act 1952 (No 7 of 1952)

**Nefqa annwali ppjanata skont l-iskema jew ammont ta' għajnuna *ad hoc* mogħtija lill-kumpanija:** EUR 250 000

**Intensità massima tal-għajnuna:** Sa massimu ta' 40 % tal-proġetti tas-settur privat eliġibbli u sa 100 % tal-proġetti pubbliċi mwettqa fl-interess kollettiv minn korpi pubbliċi u/jew minn istituzzjonijiet ta' riċerka.

**Data tad-dħul fis-seħħ:** Id-data operattiva hi l-1 ta' Novembru 2010.

**Tul ta' żmien tal-iskema jew tal-għotja ta' għajnuna individwali (mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2014); indika:**

— taħt l-iskema: l-għajnuna se tingħata sat-30 ta' Ġunju 2014

— fil-każ ta' xi għajnuna ad hoc: id-data mistennija ta' meta jrid jitħallas l-aħħar pagament: mhux applikabbli

**Għan tal-għajnuna:**

L-għan tal-iskema huwa li tappoġġa l-iżvilupp tas-settur permezz tal-iskjerament ta' gradwati speċjalizzati fl-iżvilupp/fil-kummerċjalizzazzjoni tan-negozju u l-ħiliet fl-iżvilupp ta' prodott ġdid tal-frott tal-baħar.

Din l-Iskema hi mħallsa skont l-Artikoli 17, 21 u 23 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2008 tat-22 ta' Lulju 2008.

**Indika liema mill-Artikoli 8 sa 24 jintuża:** l-Artikoli 17, 21 u 23.

**Attività kkonċernata:** Il-Produzzjoni tal-Frott tal-Baħar, is-Setturi tal-Ipproċessar u tal-Kummerċ.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

An Bord Iascaigh Mhara
PO Box 12
Crofton Road
Dún Laoghaire
Co. Dublin
IRELAND

**Indirizz elettroniku fejn jista' jinstab it-test kollu tal-iskema jew il-kriterji u l-kundizzjonijiet li bihom tingħata l-għajnuna *ad hoc* barra xi skema ta' għajnuna:**

http://www.bim.ie/templates/text_content.asp?node_id=1085

**Motivazzjoni: indika għaliex ġiet stabbilita skema ta' għajnuna mill-Istat minflok assistenza mill-Fond Ewropew għas-Sajd:** Il-fondi allokati għall-Irlanda mill-Fond Ewropew għas-Sajd kienu prijoritizzati għal Miżuri oħra, b'mod partikolari, għall-Irtirar mis-servizz tal-flotta tas-sajd, għas-Sistemi ta' Sajd li Jħarsu l-Ambjent, għall-Immaniġġjar tas-Sajd mal-Kosta u għall-Assi 4.